# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 115/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

**Franco Grech**

iben Emmanuel, imwieled San Giljan, fil-11 ta' Dicembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18376(M)

Illum, 3 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Franco Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn it-12.09.2012 u 13.09.2012 fil-hinijet ta' bejn il-5:00am ta' 12.09.2012 u l-14:00pm ta' 13.09.2012 bhala persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' 'Villa Egret', li tinsab gewwa Lourdes Lane, San Giljan:

1. Kiser il-bon ordni jew l-kwiet tal-pubbliku, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (Art. 338(dd) Kap9);

2. Gestixa attivita kummercjali li biha kkaguna sikkatura lill-girien jew lin-nies tal-madwar bil-hsejjes. (L.S.441.07, Tieni Skeda, Regulation 13, artikolu 02.1 u 02.4).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat il-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 (Avviz Legali 1 ta' l-2006 kif emendat), it-Tieni Skeda (Regolament 13) Kondizzjoni 02.4, l-Artikolu 18 tal-Kap 441 u l-Artikolu 53 tal-L.S.441.07, sabet lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u illiberatu skont il-ligi izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda fis-somma ta' elf u mitt Euro (€1100).

Rat ir-rikors tal-appellant Francis Grech tal-21 ta’ Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-21 ta' Frar 2013, u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mill-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabet lill-esponent hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

<u>L-inapplikabilita' tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-insostenibilita' tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra l-esponent.</u>

1. Fl-ewwel lok, kwalunkwe imputazzjoni fil-konfront tal-esponent bhala licensee ta' Villa Egret ma setghetx tingieb taht il-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Att kjarament japplika ghal hwienet u attivitajiet kummercjali simili fejn il-licensee personalment jew bl-impjegati tieghu ikun fizikament qed jiggestixxi n-negozju, u ghalhekk kwalunkwe imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-esponent taht dan l-Att hija inapplikabbli.

Huwa minnu li t-Tieni Skeda "Kondizzjonijiet sabiex issir l-attivita' kummercjali" (Regolament 13) tghid li "il-kondizzjonijiet li gejjin ghandhom japplikaw ghall-postijiet kummercjali kollha,

kemm jekk mhux licenzjati u kemm jekk licenzjati minn xi awtorita' u regolati minn xi legislazzjoni". L-imputazzjoni hija bazata proprju fuq il-kondizzjonijiet numru 02.1 u 02.4 li jinsabu f'din l-iskeda, li jghidu li: "L-attivita' kummercjali gestita fil-post u oggetti mahzuna gewwa l-post ma ghandhomx ... ikunu ta' sikkatura ghan-nies tal-madwar; ... jikkagunaw sikkatura bil-hoss taghhom". Madankollu, l-Artikolu 2 tal-Kap. 441 jghid li "attivita' kummercjali" tfisser l-esercizzju ta' xi attivita' kummercjali jew ekonomika inkluz il-bejgh ta' oggetti u l-ghoti ta' servizzi kif jista' jigi preskritt irrispettivament minn jekk dik l-attivita' kummercjali tigix ezercitata minn postijiet kummercjali jew xort'ohra izda m'ghandhiex tinkludi xi attivita' kummercjali regolata taht xi ligi ohra.

Anke d-definizzjoni ta' "postijiet kummercjali" tindika b'mod car x'tip ta' postijiet qeghda tirreferi ghalihom dik il-ligi; "postijiet kummerjali" tinkludi hanut, showroom, posta, mahzen, jew kull post iehor minn fejn tigi gestita xi attivita' kummercjali.

Inoltre u f'kull kaz, l-Artikolu 4 tal-istess Att kategorikament jipprovdi li "id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux japplikaw dwar xi postijiet kummercjali bil-licenza, jew xi attivita' kummercjali regolata taht xi ligi ohra".

L-Artikolu 18 (1) tat-Trading Licenses Act (Kap. 441) espressament japplika biss fil-kaz ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-istess Att u imkien ma jghid li ghandu japplika ghal postijiet li mhumiex regolati taht dak l-Att. Dan l-artikolu, bhalma jaghmel l-artikolu 4, jiddisponi li ma japplikax ghal postijiet li mhumiex regolati taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc. Il-kliem tal-ligi ma jhallix lok ghal interpretazzjoni: Infatti, din id-disposizzjoni tapplika biss "meta persuna tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu, ... "

Il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li Villa Egret hija licenzjata taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc. Ingiebet biss il-prova li din il- Villa hija licenzjata mal-Awtorita' ghat-Turizmu f'Malta.

Ghalhekk, l-esponent jerga' jtenni illi t-tieni imputazzjoni kif dedotta kontrih hija napplikabbli u insostenibbli. Minghajr pregudizzju jinghad ukoll li anke kieku, gratia argomenti, gew miksura

il-kondizzjonijiet 02.01 u 02.04 fit-Tieni Skeda tal-L.S. 441.07, l-istess L.S. 441.07 jghid li (Reg. 53) "kull min jikser xi disposizz;oni ta' dawn ir-regolamenti jkun hati ta' reat u jehel, meta jinstab hati, l-istess pieni bhal dawk stabbiliti taht l-artikolu 18 u l-artikolu 20 tal-Att". Kieku l-esponent kiser il-kondizzjoni fit-Tieni Skeda tal-L.S.441.07, l-unika disposizzjoni li seta' jikser hija l-istess wahda li ssir referenza espressa ghaliha fit-titolu tat- Tieni Skeda u cioe', ir-regolament 13. Huwa evidenti li l-esponent ma seta' qatt jikser dan ir-regolament, peress li dan ir-regolament jitkellem biss dwar licenzi mahruga taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc.

Di piu', ir-regolament 13(3) jghid li "minghajr pregudizz;u ghal kull disposizzjoni ohra tal-ligi li tapplika dwar attivita' kummerciali, licenza mahruga taht dawn ir-regolamenti ghandha tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mnizzla fit-Tieni Skeda". Kif gja' inghad, id-definizzjoni ta' "attivita' kummercjali" taht l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc teskludi kwalunkwe attivita' kummercjali regolata taht xi ligi ohra.

Ghandu jinghad ukoll li s-sentenzi citati mill-Ewwel Qorti ma japplikawx billi jitkellmu fuq substitute licensee u ghalhekk m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kaz odjern. F'kull kaz pero', fiz-zewg sentenzi citati, il-Qorti titkellem dwar il-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta u gustament tikkonkludi li hija proprju din il-ligi li hija applikabbli fir-rigward ta' stabbilimenti licenzjati mal-Awtorita' ghat-Turizmu f'Malta.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, huwa car li l-ligi dwar il-Licenzi tal-Kummerc hija ghal kollox inapplikabbli fil-konfront tal-esponent ghaliex il-post mertu ta' dan l-appell mhuwiex licenzjat taht dan l-Att izda taht ligi ohra. Jekk imbaghad jigi allegat li l-esponent kiser xi regolament jew disposizzjoni taht l-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, allura kellha tinhareg l-imputazzjoni taht dik il-ligi u mhux taht il-Kap 441.

<u>Identifikazzjoni tal-imputat bhala l-persuna li tmexxi l-attivita' kummercjali.</u>

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc huwa applikabbli fil-konfront tal-esponent, il-prosekuzzjoni xorta wahda naqset milli ggib il-prova fil-grad rikjest li l-esponent huwa dak li jmexxi l-attivita' kummercjali a termini tal-istess Att. La

darba ma ngiebet ebda prova li l-esponent huwa licensee taht il-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, kien essenzjali li tingieb il-prova li huwa proprju hu li jmexxi jew jiggestixxi l-istess attivita' kummercjali.

Ghall-kuntrarju, jirrizulta li l-esponent huwa biss impjegat tal-kumpanija VG Property Developments Co. Ltd u mhuwiex direttur taghha. Minkejja li prova dwar l-identita' tad-diretturi hija facilment ottenibbli, il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduciha. Anke x-xiehda Fayrouze Miloudi u Hamda Sharif jghidu li lill-esponent ma jafuhx u ma jaghrfuhx. L-Ewwel Qorti strahet biss fuq ir-rapport ta' Patrick Camilleri kontra l-esponent u fuq xejn aktar. Ghal kuntrarju kellha ssir il-prova li huwa proprju l-imputat li jiggestixxi l-attivita' kummercjali; din il-prova ma saritx u ghalhekk l-esponent ma seta' qatt jinstab hati tar-reat kif dedott.

Di piu', il-kondizzjonijiet 02.01 u 02.04 tat-Tieni Skeda tal-L.S. 441.07 jipprojbixxu attivita' kummercjali li min-natura taghha u bil-hoss taghha tikkawza sikkatura ghan-nies tal-madwar. Bla hsara ghas-suespost, anke kieku n-negozju ta' VG Developments Co. Ltd kien jikkwalifika bhala "attivita' kummercjali" ghall-finijiet tal-Kap. 441, in-natura tieghu, u cioe' il-kiri tal-villa, ma jikkawza ebda storbju jew sikkatura. Jekk imbaghad it-terzi inkwilini ghamlu xi istorbju li kkawza sikkatura, dan ma jfissirx li l-attivita' kummercjali hija l-kawza tas-sikkatura. VG Developments Co. Ltd u l-impjegati taghha ma ghandhomx iwiegbu ghall-ghemil ta' terzi li jkunu qed jikru l-villa.

<u>L-element intenzjonali u/jew l-element tal-volontarjeta' ghas-sejbien ta' htija.</u>

3. L-esponent jirrileva illi r-reati kontemplati fil-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta jammontaw ghal kontravvenzjonijiet u dan peress li l-piena taghhom hija dik ta' ammenda (u dan a tenur tal-Art. 7(2) tal-Kodici Kriminali). In kwantu kontravvenzjonijiet, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet lill-esponent hati stante li m'hemmx il-volontarjeta' tal-fatt, element kostituttiv ghas-sejba ta' imputabilita' f'kaz ta' kontravvenzjoni.

Huwa car li l-esponent ma kellux il-kontroll tal-fatti li taghhom gie akkuzat quddiem l-ewwel Qorti. Anzi, jirrizulta li l-esponent u is-socjeta' proprjetarja tal-post, ghamlu hilithom kollha

sabiex jevitaw kwalunkwe problemi ta' dan it-tip. Dan jirrizulta mhux biss mill-prekawzjonijiet li ttiehdu permezz ta' klawsoli fil-kuntratti tar-residenti, (li f'kaz ta' storbju jistghu jitilfu d-depoziti u sahansitra jigu mkeccija), izda anke mit-tentattivi li saru da parti tas-socjeta' sabiex tissoddisfa lill-girien (ewlieni fosthom Patrick Camilleri) billi, inter alia, jibdlulhom it-twieqi bi triple glazing, jinstallawlhom air conditioning units, u sahansitra jhallsulhom il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Isegwi allura, li l-esponent ma setghax ikollu u ma kellux, il-volontarjeta' li jsehhu l-fatti kontemplati fl-akkuza tas-sentenza appellata.

Bhalma ntqal fis-sentenza Pulizija v. Anthony Mallia, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-24 ta' Frar, 1960: "Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabbilita' bizzejjed il-volontarjeta' ta l-fatt. Huwa bizzejjed, cjoe', illi l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenajonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illegittimita' tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzionali (ara Vo!. XXIX-lV-553; u Vol. XXX-lV-539)". L-istess inghad fis-sentenza Pulizija v. Raymond Parnis, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Gunju, 2011.

Mill-provi jirrizulta li l-esponent mhux biss ma kienx i1-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali (liema fatt huwa ma kellu ebda kontroll tieghu in kwantu maghmulha minn terzi), izda sahansitra ha, flimkien mal-kumpanija VG Developments Co. Ltd, il-prekawzjonijiet kollha sabiex jevita fatti simili. Huwa aktar milli evidenti li l-iskop tal-Legislatur fir-reati kontemplat taht il-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta (jekk applikabbli) mhuwiex li jippunixxi lil nies bhall-esponent, li mhux biss ma jridux u ma jixtiequx il-fatt kontravvenzjonali, izda jaghmlu minn kollox sabiex jevitawh. Ghalhekk, anke kieku l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc kien applikabbli, l-elementi rikjesti mil-ligi u id-duttrina sabiex tavvera l-kontravvenzjoni ma gewx soddisfatti u l-esponent ghandu jigi liberat minn kull htija.

4. Mill-banda l-ohra, minghajr hsara ghal dak kollu li inghad hawn fuq, l-esponent itenni jghid illi t-tieni imputazzjoni kif dedotta kontrih mhijiex sostenibbli. Se mai, u dejjem gratia argomenti, l-imputazzjoni kellha tkun wahda taht il-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta (Artikolu 43), fejn pero', ir-reati kontemplati huma delitti, u mhux kontravvenzjonijiet. Ghalhekk, jirrikjedu l-

elementi kostituttivi tad-delitt u cioe', l-elernent materjali u dak formali jew intenzjonali. Kif gja' nghad, jirrizulta bla ebda dubju li l-esponent mhux biss m'ghamilx hu stess l-att tar-reat, izda di piu' ma riedux u ghamel minn kollox sabiex jipprevenih. B'hekk zgur li ma kien hemm ebda intenzjoni negattiva jew intenzjoni pozittiva indiretta u wisq anqas intenzjoni diretta tal-esponent. Kif tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali, "il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent ... " (Pulizija vs Kevin Sammut (VDG 192/2008) 23.01.2009; Repubblika ta' Malta vs John Polidano et, 12.12.2007).

Tenut kont tal-fatti kollha, tal-prekawzjonijiet kollha mehudha mis-socjeta' VG Developments Co. Ltd, u tan-nuqqas ta' volizzjoni u volontarjeta' tal-esponent, l-agir tal-esponent la kien negligenti u wisq anqas volontarju. Ghalhekk " ... si dovrebbe indagare - e spetta all' accusa di farlo - se nel caso concreto il proprietario poteva colla sua diligenza impedire il reato." (Pulizija vs Calcedonio Ciantar 28.06.1958 (WH) App. Krim Inf.).

Fis-sentenza Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghid hekk: "Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat I-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita' " anzi, li jigi provat " sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed isir dak ... [ir-reat] ... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tkompli tghid li "[l]-ewwel Qorti ma setghetx tasal sabiex issib din l-intenzjoni kriminuza fit-tlett appellanti semplicement ghaliex huma d-diretturi tas-socjeta' li ghandha l-hanut in kwistjoni, ... u fejn, allura, setgha facilment, kif probabbilment gara, jigri li xi impjegat f'dak il-hanut kien wettaq l-agir illegali msemmi 'ad insaputa taghhom'. Huma ma jistghux jwiegbu kriminalment ghal agir illegali ta' xi impjegat taghhom jekk ma jigix ippruvat mill-prosekuzzjoni minghajr dubju ragjonevoli li kienu jafu b'dan l-agir w ippermettewh, jew, ghall-anqas, kien hemm cirkostanzi li juru li ragjonevolment setghu kienu jafu b'dak l-agir u hallewh isir. L-ewwel Oorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-htija fl-appellanti peress li ma hemm ebda prova li torbothom ma' din l-attivita' illegali. Il-fatt wahdu li huma diretturi tas-socjeta' li tiggestixxi l-hanut in kwistjoni fejn allegatament gie kommess ir-reat qatt ma jista' jammonta ghal responsabbilita' penali."

Is-sentenza hawn fuq citata tista' tigi b'analogija applikata ghas-sitwazzjoni tal-esponent. Kif diga' nghad, jirrizulta mill-provi migjuba li l-esponent mhux biss ma riedx l-att kriminuz, izda assolutament ma riedx ihallih isir u ha l-prekawzjonijiet kollha fil-poter tieghu sabiex jevitah. Ghal din ir-raguni, l-esponent ma jista' qatt, qua impjegat tas-socjeta' li tmexxi l-villa, iwiegeb kriminalment ghall-agir tat-terzi li kienu qed jikru l-istess post, specjalment meta l-istess esponent flimkien mas-socjeta' li taghha huwa impjegat, hadu l-prekawzjonijiet kollha biex jigu evitati problemi ta' dan it-tip.

<u>Sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.</u>

5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li meta l-Ewwel Qorti sabitu hati fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, is-sejbien ta' htija ma ssodisfax ir-rekwizit essenzjali tal-oneru tal-prova fil-kamp penali. Huwa evidenti mis-suespost, li hemm dubji serjissimi dwar l-applikabilita' tat-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-esponent; dan minhabba l-applikabbilita' o meno tar-regolamenti 13 u 53 tal-L.S. 441.07 u tal-artikolu 18 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll in vista tad-definizzjonijiet ta' "attivita' kummercjali" u ta' "postijiet kummercjali" taht l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc u in vista tal-Artikolu 4 taht l-istess Att. Huwa risaput li "hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u sodisfacenti" (Pulizija vs Paolo Farrugia, App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process

gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat" (Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)).
A skans ta' repetizzjoni, kif gie spjegat hawn fuq, jezistu dubji serji dwar l-applikabilita' tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra l-esponent. Dan id-dubju ghandu jmur favur l-esponent u ghal din ir-raguni biss, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu hati.

Id-dubju favur l-esponent jirrizulta wkoll fil-mertu. Ix-xiehda Fayrouze Miloudi u Hamda Sharif jammettu li ma jafux meta sar l-istorbju u anqas jafu min hu l-esponent. Ix-xiehda taghhom hija generika u ma tirreferix ghad-dati tal-imputazzjoni. Ix-xhud Patrick Camilleri, min-naha l-ohra, jghid illi fid-dati tal-imputazzjoni kien hemm l-istorbju, pero' ma jispecifika xejn dwar id-dati partikolari. Fil-fatt, huwa wkoll jitkellem f'mod generiku biss u ma jghid xejn partikolari dwar id-dati imsemmija fl-imputazzjoni. Dan jammonta ghal dubju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-imputat u b'hekk ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent igawdi wkoll mill-beneficju tad-dubju meta wiehed jistaqsi ghalfejn ix-xhieda Fayrouze Miloudi u Hamda Sharif qatt ma ghamlu rapport huma, kif ukoll ghalfejn ix-xhud Patrick Camilleri (dak li ghamel ir-rapport) m' ghamilx rapport fil-hin li fih kien qed isir l-allegat storbju u ghalfejn ma talabx il-pulizija tmur fuq il-post dak il-hin. Infatti, jirrizulta biss li Patrick Camilleri mar jaghmel rapport u l-pulizija mexxew kontra l-esponent semplicement minhabba li huwa licensee taht il-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Impossibilita' li jevita kwalsijasi reat.</u>

6. Bla pregudizzju ghal dak kollu li nghad, l-esponent jissottometti li in vista tal-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti, huwa kien fl-impossibilita' li jevita xi reat kommess mit-terzi residenti fl-irnsernmija villa. Ghalhekk, l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-esponent hati taht it-tieni imputazzjoni a bazi tal-principju *nemo tenetur ad impossibilia*.

Huwa evidenti li l-legislatur, kemm fir-rigward tal-Kap 441 u tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta ried jippunixxi biss lil dik il-persuna li b'agir kriminuz, tippermetti li jsir xi storbju u li jew jikkaguna sikkatura bil-hoss. Dan mhuwiex il-kaz tal-esponent. VG Developments Co. Ltd tikri Villa Egret bhala post ta' allogg ghat-turisti. Jirrizulta li ttiehdu numru ta' prekawzjonijiet, inkluz pjanijiet sabiex jigu installati acoustic panels (li ghalihom diga ingiebu l-permessi relattivi). Zgur li l-Legislatur ma kellux f'mohhu li jippunixxi lil dak, li minkejja li jiehu l-prekawzjonijiet kollha fil-poter tieghu, iwiegeb ghall-agir ta' terzi li tieghu ma kellux kontroll. Zgur li l-legislatur ma kellux f'mohhu wkoll li johloq sitwazzjoni fejn min jikri post fil-kors tan-negozju tieghu ikollu jaghzel li jaghlaq jew iwaqqaf ghal kollox din l-attivita' ghaliex m'ghandux mezz kif jikkontrolla lit-terzi nkwilini tieghu.

<u>II-piena inflitta</u>

7. Fl-ahharnett huwa bir-rispett sottomess li l-piena inflitta ma hijiex wahda gusta u ma tirriflettix il-fatt li l-element materjali ma kkommettiehx l-esponent u li kien nieqes l-element intenzjonali jew l-elernent tal-volontarjeta'. L-ammenda ta' €1,100 hija l-ghola ammenda li l-esponent seta' jigi kundannat ihallas a bazi tad-disposizzjoni applikati mill-ewwel Qorti. Jekk dawn id-disposizzjonijiet kienu applikabbli, zgur li tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-esponent kellu jinghata l-inqas ammenda f'dan il-bracket, anke tenut kont li l-esponent u s-socjeta' proprjetarja ghamlu minn kollox biex jevitaw il-problema u certament ma ppartecipaw bl-ebda mod fl-agir kriminuz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi ix-xiehda ma gietx traskritta.

Illi dan l-appell jirrigwarda storbju li kien qed isir f'Villa Egret li hi villa li tigi mikrija lill-turisti.

Illi l-ewwel Qorti sabet htija a bazi tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija taht dak l-att billi l-kirja ta' residenzi ghal turisti hu regolat bil-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta hu l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc. L-artikolu 4 ta' dan l-Att jispecifika l-applikabilita' ta' din il-ligi. Dan l-artikolu partikolari jispecifika li dan l-att japplika fil-kazijiet kollha tal-kummerc hlief jekk -attivita' kummercjali hi regolata minn xi ligi ohra.

Illi fl-atti ta' din il-kawza ebda licenzja tal-kummerc taht il-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta ma giet ezebita. Ghalhekk, zgur li ma hemm xejn li jorbot lill-appellant mal-kaz in ezami.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ghandu ragun meta hu jinvoka l-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar srvizzi tal-ivjaggar u tat-turizmu ghal Malta. Fil-fatt, il-kiri ta' appartamenti ghal btala tat-turisti hu regolat minn din il-Ligi. Il-Prosekuzzjoni ezebit licenzja mahruga lill-appellant propju taht il-qafas ta' din il-ligi.

Illi ma hemm ebda dubju li l-istorbju u il-hsejjes lamentati mill-parte civile ghandu jigu regolati minn din il-ligi li tipprovdi ghal dan il-fatt jw fattti taht l-artikolu 43 tal-ligi. Dan l-artikolu partikolari jitkellem dwar reati u konsegwenza ta' dan il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova l-fatti, kif ukoll l-intenzjoni da parti tal-appellant.

Illi mill-provi prodotti meta gara l-incident meritu ta' dan l-appell, l-appellant ma kienx fuq il-post. Dan ifisser li la setgha ha parti materjalment fl-istorbju wisq anqas seta' kellu xi ntenzjoni kriminuza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Franco Grech. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.